MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 621/2013

**The Meat Factory Limited [C-43525]**

**Vs**

**Eric SALIBA [ID. Nru. 183081M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti minnha mressqa fis-27 ta' Settembru, 2013** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' seba' mija tmienja u ghoxrin euro u tmien ċenteżmi ta' euro [€728.08c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Is-somma ta' €728.08c mitluba mis-socjeta attriċi tirrapreżenta bilanċ tal-prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konvenut, li minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex iwettaq il-hlas baqa inadempjenti.

> Bl-ispejjez, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali mibghuta mis-socjeta attriċi lill-konvenut ai termini ta' l-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bin-numru 1630/2013, flimkien ma' l-imghax kummerċjali mill-15 ta' Settembru 2010, li hija d-data ta' l-ahhar konsenja, sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fid-29 ta' Novembru, 2013 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

> "1. Illi preliminarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ġaladarba kien allegat mis-socjeta attriċi fl-ittra uffiċjali preżentata minnha fis-16 ta' Lulju 2013 li d-data tal-ahhar konsenja kienet il-15 ta' Settembru 2010.
>
> 2. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenut m'ghandu jaghti xejn kif se jiġi ppruvat fil-mori ta' dawn il-proceduri.
>
> Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-verbal datat 3 ta' Dicembru, 2013 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu li l-ittra uffiċjali mressqa mis-socjeta rikorrenti kontra l-intimat hija dik bin-numru 1630/13 u ġiet intavolata fis-16 ta' Lulju, 2013.

Ra l-ahhar verbal tas-26 ta' Marzu, 2014 fejn il-kawza thalliet ghal lum ghas-sentenza;

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta’ din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat l-hlas tas-somma ta’ €728.08c, rappreżentanti dan l-ammont bilanċ tal-prezz ta’ merkanzija mibjugha u konsenjata lill-intimat. L-intimat da parti tieghu laqa’ ghal dan billi qal li t-talba hija perenta a tenur ta’ l-artikolu 2148 (b) tal-Kap. 16 u dan peress li skond ma qalet l-istess socjeta rikorrenti fl-ittra uffiċjali taghha datata 16 ta’ Lulju, 2013 l-ahhar konsenja lill-intimat kienet fil-15 ta’ Settembru, 2010. Apparti minn hekk, huwa qal li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li huwa ma ghandu jaghtiha xejn u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Ikkunsidra;

2. **Joseph Rapa**, in rappreżentanza tas-socjeta rikorrenti qal li s-socjeta rikorrenti kienet tissupplixxi regolarment lill-hanut ta’ l-intimat bl-isem ta’ Kingfisher ġewwa z-Zurrieq bi prodotti ta’ l-ikel. Fit-2 ta’ Settembru, 2010, l-intimat kien hallas akkont l-ammont ta’ €200. Gara li l-imsemmi hanut inghalaq u l-kontijiet li kien hemm pendenti baqghu ma thallsux. Ix-xhud esebixxa statement datat 14 ta’ Novembru, 2013 (dok. JR 1 a fol. 18) li jindika li l-ammont dovut mill-intimat huwa ta’ €728.08c. Ma dan l-i*statement* gew esebiti seba’ (7) fatturi. Ix-xhud qal ukoll li bejn l-ahhar pagament li kien ghamel l-intimat fit-2 ta’ Settembru, 2010 u d-data ta’ l-ittra uffiċjali intavolata fis-16 ta’ Lulju, 2013 l-intimat baqa ma ghamel l-ebda pagament, iżda s-socjeta rikorrenti kienet tibghat statement fix-xahar fl-indirizz tieghu residenzjali u dan fuq informazzjoni li jkun ta lill-kumpanija rikorrenti l-istess intimat.

3. **L-intimat** qal li sa ftit taz-zmien ilu huwa kellu l-Kingfisher Restuarnat ġewwa Wied iz-Zurrieq. Qal ukoll li huwa kien jordna x-xoghol u l-laham ghall-imsemmi restuarant minghand is-socjeta rikorrenti. Kien jordna ukoll xi prodotti ohra minghand is-socjeta PJ Sutters. L-intimat stqarr li din l-ahhar kumpanija u s-socjeta rikorrenti huma l-istess kumpanija u ghalhekk semmiehom flimkien. Mistoqsi mid-difensur tas-socjeta rikorrenti jekk huwa kellhux jaghti xi flejjes lill-istess soċjetà rikorrenti, l-intimat qal li "... *meta ghalaqt il-hanut jidhirli li ma kellix naghtihom*" (fol. 31). Ix-xoghol kien jordnah minghand is-salesman tas-socjeta PJ Sutters u wara kien jmur id-delivery man u kien jaghtih ix-xoghol u l-fattura. Qal li malli kien imur is-salesman, huwa kien jissettilja mieghu. Huwa esebixxa żewġ settijiet ta' riċevuti. Set rilaxxat mis-socjeta rikorrenti u set iehor rilaxxat minn PJ Sutters Ltd. Il-kumplament tar-ricevuti, kompla jghid l-intimat, jinsabu ghand l-*accountant* tieghu Kevin Farrugia.

Mistoqsi dwar il-firem fuq il-fatturi esebiti minn fol. 19 sa 25, l-intimat qal li "*dik li hemm a fol. 19 ma nafx ta' min hi, dik li hemm a fol 20 lanqas mhux qed naghrafa, l-firma li hemm a fol 21 ukoll mhux naghraf ta' min hi, fol 22 lanqas mhux qed naghrafha, fol 23 naghraf li hija l-firma tieghi, l-24 naghrafa li hija l-firma tieghi u l-25 u cioe l-firma li hemm a fol 25 naghrafa bhala li hija tieghi*" (fol. 32). L-intimat qal ukoll li mieghu fil-hanut kien hemm Daniel Tonna u Karen Chetcuti u dawn ġieli ffirmaw xi ricevuti. Qal però li l-firem li hemm fuq l-fatturi esebiti, apparti dawk tieghu ma hux jahrafhom u "*ma nistax nikkonferma jekk il-firem li hemm u li ma gharaftx humiex ta' Daniel Tonna jew Karen Chetcuti*" (fol. 32). Mistoqsi jekk il-firem li hemm fuq il-fatturi li hemm esebiti fil-process a fol. 27 sa 29, kienux tieghu, l-intimat wieġeb fin-negattiv. Meta gie mistoqsi x'kienet ir-raguni l-ghala huwa kien hallashom, huwa qal li "*... mhux xi haġa normali kien jiġi s-salesman u kont inhallas*" (fol. 32).

In kontro-ezami, huwa qal li l-hanut ghandu kien imur salesman wiehed u kien jaghmel ordni wahda. Imbaghad kienu jibghatulu żewġ fatturi, wahda mis-socjeta rikorrenti u ohra minn PJ Sutters Ltd. Da parti tieghu, huwa kien jaghmel hlas wiehed lis-salesman u mbaghad kien "*jirranġa hu liema rċevuta jaqta u minn fejn jaqta, jiena ma kontx nghidlu sabiex jaqta rċevuta jew ohra*" (fol. 33).

Qal ukoll li wara li ghalaq il-hanut huwa baqa jaghmel xi pagamenti u dan peress li kien ghad fadallu xi kontijiet pendenti ma-socjeta rikorrenti. Qal li kien inghata riċevuta minghand is-salesperson tas-socjeta rikorrenti bl-isem ta' Jesmond fl-ammont ta' €300. Mistoqsi kemm kellhu jaghti lis-socjeta rikorrenti sakemm kien qieghed jaghmel dawn il-hlasijiet lil dan Jesmond, l-intimat qal li ma jafx però "*jekk kien hemm xi cucata*" (fol. 34).

4. Is-socjeta rikorrenti resqet bhala xhud lil **Eleno Farrugia**. Illum il-gurnata huwa ma ghadux jahdem mas-socjeta rikorrenti iżda qabel kien jahdem bhala salesperson maghha. Xogholu kien li jiehu l-ordnijiet u jiġbor il-flus. Lill-intimat, stqarr dan ix-xhud, jafu u dan peress li kien ghamel sena ibeghlu x-xoghol. Waqaf imur ghand l-intimat l-ghaliex ma kienx qieghed ihallas. Ghal bidu, kompla jghid ix-xhud, l-intimat kien ihallas meta kien jirċievi l-istatement iżda mbaghad waqaf ihallas. Ix-xhud kien anke jaghti kopja ta' l-istatement personalment lill-intimat u qal li "*qatt ma kien hemm ilmenti minn naha tal-intimat ghar-rigward tal-istatements li kien qieghed jircievi*" (fol. 44-45). L-intimat, kompla jghid ix-xhud, kien dejjem jghidlu "*... tini cans, ha nhallas*" (fol. 45). Ghalaq billi qal li meta waqaf ibiegh lill-intimat, dan "*... kien ghad fadallu jaghti lill-kumpanija rikorrenti*" (fol. 45). Mistoqsi in kontro-ezami meta kien mar l-ahhar ghand l-intimat, ix-xhud qal li ma jiftakarx però kien "... *madwar sena u tmien xhur jew sentejn ilu, naf li ilu ftit*" (fol. 45).

Ikkunsidra ulterjorment;

5. L-ewwel eċċezzjoni mqanqla mill-intimat hija li azzjoni tas-socjeta rikorrenti hija perenta a tenur ta' l-**artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili**. Dan l-artikolu jaqra hekk:

L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*b*) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;

6. Dan l-artikolu jwaqqa l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra simili, mibjugha bl-imnut. Fil-gurisprudenza taghna nsibu li l-kriterju direttiv biex wiehed jiddistingwi l-grossista mid-dettaljatur hu dak li, filwaqt li l-ewwel wiehed aktarx ibiegh lil min jikkomercja fil-haga, it-tieni wiehed ibiegh aktarx lill-konsumatur u fi kwantitajiet zghar mizurati mill-bzonn tal-istess konsumatur – dak li jfisser illi l-kummerc bl-imnut jikkonsisti fir-rivendita f'partiti zghar ta' merci jew derrati li tal-hanut ("bottegaio") jew minutant jixtri minn ghand negozjant[1].

7. Il-ligi taghna, kif diga rajna, tuza l-kliem 'ta' kredituri' u mhux il-kliem 'ta' kummercjanti'; u ma tuzax il-kelma 'merci' biss, kif f'xi ligi barranija, per ezempju t-taljana, imma zzid ukoll il-kliem 'oggetti jew hwejjeg ohra mobbli'; u ma tuzax il-kliem 'mibjugha lil persuni li ma jezercitawx il-kummerc'; imma tuza l-kelma 'bl-imnut', li mhix uzata fil-ligi taljana; u allura, skond il-ligi taghna, wiehed ghandu jara biss jekk l-operazzjoni kienetx ghall-ingrossa jew bl-imnut, billi l-ligi taghna tikkunsidra biss il-vendita tal-hwejjeg fuq indikati fiha nnfisha u l-kwantitattiv fornit biss[2].

8. Peress li l-ligi taghna tuza l-kelma 'bl-imnut', jidher car li tikkontempla lil dawk kollha, kummercjanti jew le li jbieghu oggetti ta' konsum gjornalier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. L-espressjoni 'bl-imnut' talludi bilfors ghal hwejjeg zghar; u dan, li l-haga tkun ta' entita zghira, kien il-motiv li gieghel lil-legislatur jistabbilixxi preskrizzjoni qasira, billi mhix haga solita, u lanqas li wiehed ghandu jistenna, li min ibiegh jaghti kredtu ghal zmien twil f'vendita ta' hwejjeg zghar[3].

9. Issa f'dan il-kaz, il-bejgh, fil-fehma tat-Tribunal ma jistax jigi kunsidrat bhala wiehed ta' haga zghira ta' konsum gjornalier u ghaldaqstant ma jistax jigi kkunsidrat bhala bejgh bl-imnut. Il-bejgh f'dan il-kaz kien ta' oggetti mis-socjeta rikorrenti lill-intimat li imbaghad kien juża dawn l-oggetti biex iservi lill-parruccani tieghu. Dan il-bejgh, ma jistax jitqies, fil-fehma tat-Tribunal, bhala xi haga zghira ta' konsum ta' kuljum. Ghalhekk din l-eccezzjoni tal-

---

[1] **Grazio Debattista vs Nichele Galea** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar it-23 ta' Mejju, 1961 per Onor. Imhallef T. Gouder;

[2] Ibid.

[3] Ibid.

preskrizzjoni ta' l-azzjoni rikorrenti a tenur ta' l-artikolu 2148(b) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta mqanqla mill-intimat qeghda tiġi michuda.

10. Nghaddu biex nezaminaw il-mertu tal-kaz. Nibdew biex naraw li f''materja ta' provi, l-apprezzament taghhom, il-piz li ghandhom jinghataw ċertu provi u liema ghandhom jiġu skartati jew eliminati nsibu li fil-kawza fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs Rokku Farrugia** deciza fl-24 ta' Novembru, 1966 l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili qalet li:

> "*Illi huwa veru li hemm konflitt kbir bejn il-verzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenut, izda mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita li minhabba fih ma tkunx tista tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa fuq ir-regola ta' l-'in dubio pro reo'. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-konflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad li "tot homines tot sententiae", u lanqas ma jkun gej minn verzjonijiet differenti 'bona fidcidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarrieda, e.g. identita, velocita ta' vejikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom, skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghal kuntrarju dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudnijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin, bhal f'dan il-kaz, allura jsir car li xi wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni jelbuh u b'hekk jabbuza mill-process tal-gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandix taqa comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq bilanc tal-probabilita u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant, eccezzjoni ta' xi kazijiet gravi li m'ghandhomx rassomiljanza mal-kaz prezenti. Anke f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verzjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti*[4]"

[4] Ara ukoll f'dan is-sens **George Bugeja vs Joseph Meilak**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru, 2003 per Onor. Imhallef Dr. Tonio Mallia u **Gerald Desira et vs Joseph Barbara** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' April, 2010 per Imhallef Dr. Ph. Sciberras.

11. Il-Qorti, fl-istess sentenza kompliet tghid li:

*"il-konflitt fil-provi huwa haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant"* u *"fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli"*[5].

12. Inghad ukoll mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Maria Xuereb vs Clement Gauci et** deciza fl-24 ta' Marzu 2004 li:

*"Huwa pacifiku f'materja ta' konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

1. *Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra ; u*

[5] ara wkoll – **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta` April 2003 per Imhallef Ph. Sciberras u ikkonfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fid-19 ta' Gunju, 2006 u **Kmandant tal-Forzi Armati ta' Malta vs Francis Difesa** deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit- fit-28 ta' Mejju 2003 per Imhallef Ph. Sciberras;

2. *Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur"*

13. Finalment, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 stqarret li in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[6].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[7].

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

(4) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura

[6] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;

[7] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[8].

14. L-intimat f'dawn il-proceduri cahad li huwa ghandu jaghti xi flejjes lis-socjeta rikorrenti. Qal ukoll li fuq uhud mill-fatturi li gew esebiti mis-socjeta rikorrenti u li skond hi kienu ghadhom pendenti ma kienx hemm il-firma tieghu iżda ta' haddiehor. Ammetta però li kien hemm addetti fil-hanut tieghu bl-isem ta' Kingfisher li ġieli iffirmaw xi fatturi. Dawn kienu Daniel Tonna u Karen Chetcuti. L-intimat ammetta li wara li ghalaq il-hanut huwa baqa jaghmel xi pagamenti lis-socjeta rikorrenti. Is-socjeta rikorrenti resqet bhala xhud taghha lil Eleno Farrugia li qal li huwa kien jaghti kopja ta' l-istatement relattiv lill-intimat personalment u dan ta' l-ahhar "*qatt ma kien hemm ilmenti minn naha tal-intimat ghar-rigward tal-istatements li kien qieghed jircievi*" (fol. 44-45). Farrugia qal li l-intimat kien dejjem jghidlu "*... tini cans, ha nhallas*" (fol. 45). Peress li l-intimat ma baqax ihallas, Farrugia waqaf ibieghlu oggetti u li meta ghamel hekk, l-intimat "*... kien ghad fadallu jaghti lill-kumpanija rikorrenti*" (fol. 45). It-Tribunal ma ghandux ghalfejn, mill-provi prodotti u mill-komportament tax-xhieda moghtija quddiemu jiddubita mix-xhieda ta' l-imsemmi Farrugia.

15. Konsegwentement it-Tribunal qieghed isib li l-intimat ghandu jaghti lis-socjeta rikorrenti s-somma reklamata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-intimat a tenur ta' l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili, qieghed jichad il-kumplament ta' l-eccezzjonijiet ta' l-intimat fir-risposta tieghu in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż,

[8] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' seba' mija tmienja u ghoxrin euro u tmien ċenteżmi ta' euro [€728.08c] bl-imghaxijiet legali fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta kull ammont kien dovut skond il-fatturi esebiti.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------